

**Kawża C-423/09**

**Staatssecretaris van Financiën**

**vs**

**X BV**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa  
mill-Hoge Raad der Nederlanden)

“Tariffa Doganali Komuni — Klassifikazzjoni tariffarja — Nomenklatura  
Magħquda — Ħxejjex (irjus tat-tewm) imnixxfin, li l-umdità fihom  
ma tneħħietx għalkollox”

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-28 ta' Ottubru 2010 . . I - 10823

Sommarju tas-sentenza

*Tariffa Doganali Komuni — Klassifikazzjoni tariffarja — Irjus tat-tewm imnixxfin, li l-umdità  
fihom ma tneħħietx għalkollox*

*(Regolament tal-Kunsill Nru 2658/87, Anness I; Regolament tal-Kummissjoni Nru 1810/2004)*

In-Nomenklatura Magħquda li tinsab fl-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, kif emendat bir-Regolament Nru 1810/2004, għandha tiġi interpretata fis-sens li t-tewm li jkun għadda minn proċess ta' tnixxif intensiv skont trattament speċjali li jirriżulta fit-tnejħija totali jew kważi totali tal-umidità li jkun fih il-prodott, jaqa' taħt is-subintestatura tariffarja 0712 90 90 tan-Nomenklatura Magħquda, iżda t-tewm imnixxef parżjalment, li jikkonserva l-proprietajiet u l-karatteristiċi tat-tewm frisk, jaqa' taħt is-subintestatura tariffarja 0703 2000 tal-imsemmija Nomenklatura Magħquda.

tat-tewm irid iġib miegħu modifikasi sostanzjali jew irriversibbli b'tali mod li l-prodott ma jibqax fl-istat naturali.

Għaldaqstant, it-tnejħija tal-ilma għandha timmodifika b'mod sostanzjali l-proprietajiet u l-karatteristiċi oġġettivi tal-prodott b'tali mod li tali modifika twassal għal klassifikazzjoni taħt intestatura tariffarja differenti mill-intestatura 0703, li tkopri l-ħnejjex fl-istat frisk jew refriġerat.

Sabiex l-irjus tat-tewm jiġu kklassifikati taħt l-intestatura 0712, il-proċess ta' tnixxif

(ara l-punti 25, 26, 35 u d-dispożittiv)